SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 54-19**
**Laqgħa Msejħa b'Urġenza**

**11 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras - Kunsillier
Joe Bonello - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsilliera Caroline Galea

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qara l-ittri tal-apoloġija tal-Kunsilliera Caroline Galea li nfurmat lill-Kunsill li ma setgħetx tattendi għall-laqgha ghax kienet tinsab indisposta.

**54.2 Measure 4.3 – Xogħol Fuq Kisi ta` Toroq f`Wied Garnaw.**

Is-Sindku qal li din il-laqgħa qiegħda tissejjaħ b'urġenza biex il-Kunsill jiddiskuti d-diskrepanza bejn il-BOQ`s li ħejja l-perit fir-rigward tax-xogħol fuq kisi ta` toroq f` Wied Garnaw u l-invoices tal-kumpanija Dimbros Ltd li wettqu ix-xogħol ta` kisi bl-asphalt fuq dawn it-toroq.

Waqt din il-laqgħa ġew ippreżentati wkoll ir-riżultati ta` testijiet tal-Asphalt li ġew ikkommissjonati mill-Kumpanija Dimbros Ltd.

Is-Sindku stieden lill-perit tal-Kunsill biex jispjega l-affarijiet tekniċi marbuta mat-twettiq ta` dan ix-xogħol. Il-Kunsill iddiskuta dwar is-sitwazzjoni u għamel diversi domandi tekniċi li ġew imwieġba mill-perit tal-Kunsill.

Is-Sindku li ġie ssekkondat mill-Kunsillier Liam Sciberras ressaq din il-mozzjoni kif ġej:

Il-Kunsill jinnota li l-istruzzjonijiet tal-perit tal-Kunsill għal xogħol fuq kisi ta` toroq f`Wied Garnaw kienu ċari mill-bidu nett u li jirriżulta li l-kuntrattur naqas li jimxi ma` dawn l-istruzzjonijiet mingħajr ma kkonsulta mal-Kunsill. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jimxi mal-BOQs imħejjija mill-Perit tal-Kunsill fuq dan ix-xogħol.

Is-Sindku talab għal vot fuq din il-mozzjoni u l-Kunsill ivvota hekk:

Terrence Ellul – favur
Frederick Cutajar – favur
Liam Sciberras – favur
Joe Bonello – favur

Il-Kunsill qabel mal-mozzjoni mressqa mis-Sindku b`vot unanimu.

**54.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.45p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2019 fl-5.30p.m kif skedata.

Konfermati, illum il-_______________, ____ ta' ______________ 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |